

32000R1703

1.8.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 195/22

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1703/2000
tal-31 ta' Lulju 2000**

li għandu x'jaqsam mal-klassifika ta' oġġetti partikulari fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tar-tariffi u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1264/2000 ⁽²⁾, u speċjalment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija kollha jew f'parti bbażata fuqha jew li żżid magħha kull subdiviżjoni addizzjonali tagħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet dettaljati tal-Komunità, għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' tariffa u miżuri oħra konnessi man-negozju fil-prodotti.
- (3) Bis-saħħa ta' dawn l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu klassifikati taħt il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3.
- (4) Huwa xieraq li t-tagħrif dwar it-tariffi li jorbot maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri dwar

il-klassifika ta' prodotti fin-Nomenklatura Magħquda u li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu, skond id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi tad-Dwana Komunitarju ⁽³⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 955/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, jibqgħu jissemmew għal perijodu ta' tliet xhur mid-dententur.

- (5) Il-miżuri li hemm ipprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa huma klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2 ta' dik l-iskeda.

L-Artikolu 2

Tagħrif dwar tariffi li jorbot maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li mhux konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jista' jibqa' jiġi invokat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perijodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 144, tas-17.6.2000, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.

L-ANNEX

Deskrizzjoni	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. Faqqieġh (<i>Genus Agaricus</i>) ippreparati, mġhollija f'it, mitfugħin f'likwidu bl-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — aċidu ħieles volatili, espress b'ħala aċdu aċetiku: 0,5 % bil-piż — sulfat: < 2 ppm — melħ: 2,6 % bil-piż <p>Dan il-prodott, li għandu fih aġenti oħrajn li jippreżervaw huwa tajjeb għal konsum uman immedjat.</p>	2003 10 30	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Kombinata, nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 20 u bil-kliem tal-Kodiċi NM 2003, 2003 10 u 2003 10 30.</p> <p>Minħabba l-kontenut tal-melħ li jgħabez it-2,5 % bil-piż, il-prodott huwa eskluż mill-Kodiċi NM 2001 90 50 b'mod konformi man-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 20 tan-Nomenklatura Kombinata.</p>
<p>2. Materjal sintetiku magħmul minn blokki ta' kopolimeri <i>stirene-etilene/propilene-stirene</i> jew <i>stirene-etilene/butilene/stirene</i> bi grad baxx ta' nuqqas ta' saturazzjoni (valur ta' iodju ta' bejn 4 u 7).</p>	4002 99 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Kombinata, nota 4(a) tal-Kapitolu 40 u bil-kliem tal-Kodiċi NM 4002, 4002 99 u 4002 99 90.</p> <p>Dawn il-blokki ta' polimeri jħarsu l-kriterji kollha tan-nota 4(a) tal-Kapitolu 40 u huma kklassifikati b'ħala gomom sintetiċi ta' l-intestatura 4002.</p>